MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2971/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Pace sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Pace**
**vs**

**Anthony Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fil-11 ta' Dicembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm222.43), rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-3 ta' Jannar, 2002, bejn il-vettura bin-numru ta' HAN-563 misjuqa mill-konvenut u l-vettura IAS-047 misjuqa minnu u proprjeta` ta' l-attur Joseph Pace, liema vettura kienet assikurata taht polza "comprehensive" mas-socjeta` attrici u li**

**ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**
**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) excess imhallsa mill-attur Joseph Pace, li kien assikurat taht polza comprehensive mas-socjeta` attrici;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru, 2002, u bl-imghax pagabbli mill-1 ta' Ottubru, 2002 sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Zammit Maempel li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut u pprezenta dokumenti dwar l-incident u l-ispejjez. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-konvenut baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur minn wara, u konsegwentement ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident.**
**Bhala danni l-ammont jirrizulta pruvat.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u disghin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm197.43), u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Ottubru, 2002 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------